MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Numru. 378/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Christine Jo Grima ta’ 20 sena bint Joseph w Anette nee Cordina mwielda fl-Istati Uniti ta’ l-Amerika fil-11.02.1991, residenti 25, Sunset Court, Cordina Street, Ghajnsielem, Gozo ID: 055695(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li gie akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Gunju 2008 u fis-snin ta’ qabel:

a) Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;
Rat il-verbal tal-Ufficjal Prosekutur li l-imputata ghandha ibbenifika tal-proviso ta' Section 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issibha lill-imputat hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha, il-fatt illi l-imputata ghanha hajja stabbli u m'ghandhiex problema tad-droga u l-fatt illi l-imputata kienet taht l-eta fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101, Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tghamilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------